**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 128/01 AJD*

Victor Galea

vs

Noel Farrugia u b'ordni tat-Tribunal tas-27 ta' Marzu giet kjamata in kawza s-socjeta' 'Camenzuli Tyres Ltd'

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Frar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hamsa u disghin lira Maltin (Lm95.00) rappresentanti l-prezz ta' tyre ta' truck tal-marka Fulda li ccarrat sena biss wara li nxtara minghand il-konvenut.
Bl-ispejjes, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi t-tyre li huwa biegh lill-attur kien imqieghed minnu skond is-sengha u l-arti u kien ta' kwalita' tajba u ghalhekk ma jistax jinzamm responsabbli jek it-tyre iccarrat sena wara li nxtara.

2. Illi minghajr pregudizju ghas-suespost u in vista tal-fatt li jista' jirrizulta li t-tyre iccarrat minhabba xi difett li l-konvenut ma kienx jaf bih, il-konvenut qed jitlob li tigi kjamata fil-kawza Camenzuli Tyres Ltd. li hija s-socjeta' li minghandha l-konvenut xtara t-tyre mertu tal-kawza.

3. Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Ra d-digriet tas-27 ta' Marzu, 2001, fejn giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjeta' 'Camenzuli Tyres Ltd'.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' kjamata in kawza fejn din eccepiet is-segwenti:

1. Camenzuli Tyres Limited ma ghadhiex l-agent tad-ditta Fulda Tyres u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza, filwaqt li l-agent Montebello Tyres Limited, 13 Bir id-Deheb Road, Zejtun ghandu jigi kjamat fil-kawza;

2. Illi t-tyre inbiegh lill-konvenut odjern u mhux lill-attur minghajr garanzija kif jinbieghu tyres ta' din il-kwalita';

3. Illi t-tyre inbiegh lill-konenut il-fuq minn sena ilu u kwindi kull azzjoni dwar difetti latenti hi dekaduta;

4. Illi fil-mertu it-tyre hu wiehed ta' truck u ghalhekk soggett ghal wear and tear akbar u ghal abbuz min naha ta' min isuq.

Sema' x-xhieda tal-attur, tal-konvenut Noel Farrugia u ta' Edwin Camenzuli rapprezentant tas-socjeta' kjamata in kawza. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-attur u tal-konvenut.

Ikkunsidra:

1. Illi mill-Avviz tat-Talba ma jirrizultax b'mod car x'inhi n-natura tal-azzjoni attrici izda fit-trattazzjoni orali l-avukat difensur tal-istess attur spjegat li l-azzjoni mressqa mill-attur kienet l-'actio redhibitoria'.

2. Illi n-natura tal-azzjoni ntavolata mill-attur inoltre tirrizulta inekwivokabilment mill-provi mressqa minnu.

3. Illi s-socjeta' kjamata in kawza fit-tielet eccezzjoni taghha eccepiet id-dekadenza ai termini tal-Artikolu 1431 (1) liema Artikolu jistipula s-segwenti:-
   *L-azzjoni redhibitoria u l-azzjoni aestimatorja jaqghu bi preskrizzjoni ghal dawk li huma immobbli bl-eghluq ta' sena minn dakinhar tal-kuntratt u ghal dawk li huma hwejjeg mobbli bl-eghluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.*

   *(2) Izda jekk ma setghax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga,*

*iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

4. Illi fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Mejju, 2001, l-attur xehed is-segwenti: *"F'Jannar, 2001, kont qed nigreasja t-truck u ndunajt li t-'tyre' fuq in-naha tax-xufier kien iccarrat mir-'rim' sal-fidiferru". Huwa jispjega wkoll li t-'tyre' l-iehor tat-trukk li nxtara u gie nstallat fl-istess zmien ma kellux dan id-difett.*

5. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur seta' jinduna bid-difett qabel u ghalhekk il-perijodu ta' dekadenza beda jiddekorri minn meta saret il-konsenja relattiva u cioe' fid-19 ta' Jannar, 2000.

6. Illi min Dok. VG1 jirrizulta li t-'tyre' in kwistjoni gie konsenjat fid-19 ta' Jannar, 2000, u l-kawza odjerna giet intavolata fil-21 ta' Frar, 2001.

7. Illi l-azzjoni attrici hija ghalhekk dekaduta ai termini tal-Artikolu 1431 (1) tal-Kap. 16.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta' kjamata in kawza u jiddikjara l-azzjoni attrici dekaduta ai termini tal-Artiolu 1431 (1) tal-Kap. 16.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu mill-attur skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR